# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Preliminari Nru. 2814

Kaz Nru. 4028/ET

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Gatt (I.D. 424369 M)

u

Steward Malta Personnel Limited (C-81862) u bil-verbal tas-17 ta' Frar, 2022 ghandu jigi sostitwiet ghal Steward Malta Management Ltd (C 70624)

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Edmond Tabone MA BA (Hons) Dip Mgmt**

Din id-decizjoni preliminari tirrigwardja eccezzjoni ta' dekadenza/preskrizzjoni min naha tas-Socjeta' ntimata prezentata lit-Tribunal fis-7 ta' Marzu, 2022.

Is-Socjeta' ddikjarat li l-kaz kontriha gie mressaq mir-rikorrent wara l-perjodu ta' erba xhur li gie mkecci li huwa l-perjodu massimu permess mill-Ligi u li allura il-kaz ghandu jigi preskritt. Ir-rikorrent intavola l-kaz fis-17 ta Dicembru, 2021. Dakinhar il-kaz infetah kontra Steward Malta Personnel Ltd., li fis-seduta tas-17 ta Frar 2022 , wara eccezzjoni mis-socjeta' ntimata li suppost il-kaz infetah kontra Steward Malta Management Ltd, it-Tribunal iddecieda li l-kaz ghandu jitkompla. It-Tribunal jaghraf li f'diversi kazijiet ta' transfer of business din spiss tigri u tkun in *bona fede* u bla ebda mottiv u l-kaz jitkompla.

It-Tribunal analizza l-fatti pprezentati u jaghraf li r-rikorrent kien ircieva ittra ta' tkeccija datata 19 ta' April, 2021, wara *notice of charge* u bord tad-dixxiplina.

Izda, ir-rikorrent kien appella d-decizjoni skont il-*grieviance procedures* tas-socjeta' ntimata u l-appell instema' fil-15 ta' Lulju, 2021, u fit-18 ta' Awissu, 2021 ir-rikorrent rega' gie nfurmat bl-ezitu ta l-appell li l-impjieg tieghu gie tterminat b'mod immedjat (Dok SMML 9).

Ir-rikorrent kellu dritt ghall-appell u allura ma setghax jintavola l-kaz fit-Tribunal Industrijali qabel jigi konkluz l-appell. It-Tribunal fil-fatt jinnota dewmien stramb mis-socjeta' ntimata sabiex tisma' u tiddeciedi fuq l-appell.

L-appell gie deciz fit-18 ta Awwissu 2021, u din hija d-data li tikkoncerna t-Tribunal bhala d-data ahharija ta' t-terminazzjoni u r-rikorrent intavola l-kaz fis-17 ta' Dicembru 2021, bl-ezatt erba' xhur skont il-Ligi.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddeciedi li ma jistax jilqa' din l-eccezzjoni migjuba mis-socjeta' ntimata u li l-kaz ghandu jitkompla bhala process normali.

Illum : 7 ta' April, 2022

Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja

Din id-decizjoni preliminari tirrigwardja eccezzjoni ta'  dekadenza/preskrizzjoni min naha tas-Socjeta'  ntimata prezentata lit-Tribunal fis-7 ta' Marzu,  2022.

Is-Socjeta'  ddikjarat li l-kaz kontriha gie mressaq mir-rikorrent wara l-perjodu ta'  erba xhur li gie mkecci li huwa l-perjodu massimu permess mill-Ligi u li allura il-kaz ghandu jigi preskritt. Ir-rikorrent intavola l-kaz fis-17 ta Dicembru, 2021. Dak inhar il-kaz infetah kontra Steward Malta Personnel Ltd li fis-seduta tas-17 ta Frar 2022 , wara eccezzjoni mis-socjeta ntimata li suppost il-kaz infetah kontra Steward Malta Management Ltd, it-Tribunal iddecieda li l-kaz ghandu jitkompla. It-Tribunal jaghraf li f'diversi kazijiet ta transfer of business din spiss tigri u tkun in bona fede  u bla ebda mottiv u l-kaz jitkompla.

It-Tribunal analizza l-fatti pprezentati u jaghraf li r-rikorrent kien ircieva ittra ta' tkeccija datata 19 ta'  April, 2021,  wara *notice of charge* u bord tad-dixxiplina. Izda, r-rikorrent kien appella d-decizjoni skont il-*grieviance procedures* tas-socjeta'  ntimata  u l-appell instema'  fil-15 ta'  Lulju, 2021,  u fit-18 ta' Awissu, 2021 ir-rikorrent rega'  gie nfurmat bl-ezitu ta l-appell  li l-impjieg tieghu gie tterminat b'mod immedjat (Dok SMML 9).

Ir-rikorrent kellu dritt ghall-appell u allura ma setghax jintavola l-kaz fit-Tribunal Industrijali qabel jigi konkluz l-appell. It-Tribunal fil-fatt jinnota dewmien stramb mis-socjeta' ntimata sabiex tisma' u tiddeciedi fuq l-appell.

L-appell gie deciz fit-18 ta Awwissu 2021, u din hija d-data li tikkoncerna t-Tribunal bhala d-data ahharija ta' t-terminazzjoni u r-rikorrent intavola l-kaz fis-17 ta' Dicembru 2021, bl-ezatt erba' xhur skont il-Ligi.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddeciedi li ma jistax jilqa' din l-eccezzjoni migjuba mis-socjeta' ntimata u li l-kaz ghandu jitkompla bhala process normali.

Illum :

Is-Sur Edmund Tabone
Chairman